MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 313/2007

Cassar Airconditioning Systems Limited (C19675).

Vs

Howard Longdon.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' sitt mija, disa u sittin Lira Maltin u disa u tletin centezmu (Lm669.39), ekwivalenti ghal (€1559.26) rapprezentanti bejgh, konsenja u xoghol ta' installazzjoni ta' airconditioner mis-socjeta attrici. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, hames mija u disa u hamsin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€1559.26), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------